KUNSILL LOKALI - FLORIANA - LOCAL COUNCIL
15 Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana FRN1483
Telephone No. 21 235523, 21 236951 Fax No. 21 237723

23 ta' Settembru 2012

# LAQGĦA TAL-KUNSILL

**Minuti tas-Seba' Laqgha tas-Sitt Kunsill Lokali Floriana**

Is-Sindku sejjah is-**Seba' (7)** Laqgha tas-Sitt Kunsill Lokali Floriana, li nzammet **Nhar il-Erbgha 12 ta' Settembru 2012 fl-4.00pm.**

Is-Seba' (07) laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Floriana inzammet b'din l-agenda :-

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Komunikazzjonijiet mis-Sindku
3. Mistoqsijiet lis-Sindku
4. Approvazzjoni ta' Ħlas ta' Kontijiet Pendenti, Xiri u Materji Finanzjarji
5. Hrug ta Offerti:
   a. Professional Services of an Architect to the Council and Works Manager
   b. Cleaning and Upkeep of Gardens and Public Convenience
   c. Cleaning and Upkeep of fountains
6. Insurance tal-Kunsill Lokali
7. L-Irrigazzjoni fil-Qasam tad-Djar tal-Kapuccini
8. Responsabbilta' fl-Immaniggjar tal-Fosos
9. Informazzjoni fuq Monumenti tal-Mall
10. Purcissjoni ta` Hadd il-Palm
11. Vjal ir-Re Dwardu VII (Il-Biskuttin)
12. Kumitati u Sotto Kumitati
13. Toilets fil-Floriana
14. Arblu fi Pjazza St Anna
15. Post Mortem – Floriana Fest
16. Skema First Time Buyers
17. Hwejjeg Ohra
18. Aggornament tal-Laqgha

Ghas-Seba' (07) laqgha tas-Sitt Kunsill kien hemm prezenti **is-Sindku Nigel Holland, il-Vici Sindku Matthew Paris, il-Kunsilliera Davina Sammut Hili, il-Kunsillier Vincent Borg flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Svetlick Flores assistit mill-iskrivana E. Theuma.**

**Il-Kunsillier Anthony Brincat talab li jkun skuzat minhabba ragunijiet ta' sahha.**

**Bidu tal-laqgha:**
Il-laqgha nfethet permezz ta' talba zghira mis-Sindku Nigel Holland.

## 1.0 Approvazzjoni tal-Minuti

1.1. Il-minuti tas-sitt (06) laqgha tal-Kunsill gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha u ghaldaqstant gew unanimament ikkunsidrati bhala moqrija.

1.2. Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ressqet il-korrezzjoni ta' materja numru 14.3 li ghandha taqra "Il-Kunsiliera Davina Sammut Hili nformat li l-attivita' ser issir fuq tliet ijiem fejn ser ikun hemm talent show u exhibition...".

1.3. Il-Vici Sindku Matthew Paris talab li mal-minuti, tibda tigi pprezentata wkoll lista ta' punti mqajjma mill-minuti. Il-Kunsillier Vincent Borg qal li din l-idea kien ilu jissuggeriha u jaqbel li hi idea tajba.

1.4. Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ziedet tghid li skont il-linji gwida tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali, suppost tigi addenda fil-minuti.

1.5. Il-Kunsill qabel li ghandu jibda jpoggi fuq l-agenda tal-laqghat tal-Kunsill il-materja bl-isem "Punti mqajjma mill-minuti", dan sabiex il-Kunsill ikun jista' jahdem b'mod iktar efficjenti.

1.6. Il-minuti msemmija f'1.1 gew approvati unanimament, wara li tressqet mozzjoni mill-Vici sindku Matthew Paris u ssekondata mill-Kunsilliera Davina Sammut Hili. Konsegwentament gew iffirmati l-minuti tal-laqgha tal-Kunsill mis-Sindku u mill-Vici Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

1.7. Il-minuti tal-laqgha straordinarja tal-Kunsill gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha u ghaldaqstant gew unanimament ikkunsidrati bhala moqrija.

1.8. Il-minuti msemmija f'1.7 gew approvati unanimament, wara li tressqet mozzjoni mill-Kunsilliera Davina Sammut Hili u ssekondata mill-Kunsillier Vincent Borg. Konsegwentament gew iffirmati l-minuti tal-laqgha tal-Kunsill mis-Sindku u mill-Vici Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

## 2.0 Komunikazzjonijiet mis-Sindku

2.1 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand id-Direttur ta' BDL Books fejn talbu l-permess tal-Kunsill sabiex iwahhlu banner li jippublicizza il-book fair li ser jorganizzaw. Il-Kunsill qabel li ghandu jitolbu iktar dettalji ta' fejn xtaq li jitpogga dan il-banner u qabel ukoll li ghandu jissuggerilu li dan jitwahhal fi Pjazza ES Tonna. Il-Kunsill qabel ukoll li ghandu jimxi skont il-bye law u jitolbu hlas pro rata.

2.2 Is-Sindku Nigel Holland ressaq talba minghand l-Ambaxxata Taljana fejn talbu lill-Kunsill jirrikunsidra t-tariffa mitluba ghall-twaqqif ta' scaffolding. Il-Kunsill qabel li ghandu jzomm 10% biss mit-tarrifa finali.

2.3 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghall-materja nru 2.2 fejn ippropona li l-Kunsill jibda jzomm biss 10% tat-tariffa ghal twaqqif ta' scaffolding lil kull entita' kummercjali, ladarba kien hemm diga decizjoni precedenti tal-Kunsill li ma jzommx tariffa lir-residenti ghall-istess xoghol. Il-Kunsill qabel li ghandu jivverifika mad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali jekk dan hux possibli u jiehu decizjoni finali wara li jircievi l-linji gwida. Il-Kunsill qabel ukoll li ghandu jelimina t-tariffa ta' twaqqif ta' scaffolding minn residenza privata, ladarba l-applikant ikun ser jghix fiha u qabel ukoll li tali kontroll ghandu jinzamm billi l-applikant jigi mitlub jaghmel u jiffirma dikjarazzjoni.

2.4 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand Dr Marc Sant fejn ressaq l-ittra tar-rizenja tieghu mill-Bord tal-Appell. Il-Kunsill qabel li ghandu jwiegeb lil Dr Sant u jirringrazzjah tal-interess inizjali tieghu izda jinformah li minhabba dan id-dewmien kien hemm nies li baqghu ma kellhomx l-opportunita' ghal appell xieraq kif ukoll li l-Kunsill ghandu fl-interess tieghu ir-residenti li

thallew imdendlin u ghalhekk kwalunke apologija ghandha ssir lilhom.

2.5 B'riferenza ghall-materja nru 2.4, il-Vici Sindku Matthew Paris qal li kienet ser tkun difficli ghall-Kunsill li jsib Avukat li lest jaghmel ix-xoghol mitlub bir-rati msemmija u ghalhekk ippropona li dawn jinbidlu. Il-Kunsill qabel li ghandu johrog sejha ghall-offerti ghal servizz ta' Avukat li jaghmel parti mill-Bord tal-Appell u wara jaghzel l-irhas offerta'.

2.6 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand l-Avukat Martin Fenech li ppropona r-rata ta €1.50 (VAT eskluza) ghal kull ittra li l-Kunsill ser jibghat sabiex jigbor hlas ta' citazzjonijiet pendenti. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni u laqa' l-offerta' ta' Dr Martin Fenech.

2.7 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand is-Sinjura Kerry Hermitage fejn informat lill-Kunsill b'workshops li kienet qed tniedi ghal tfal bejn it-8 u l-11-il sena u pproponiet li dan il-progett jittella' b'mod kongunt mal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li dan il-progett ghandu jsir b'sapport mill-Kunsill Lokali Floriana u qabel li dawn il-workshops jinzammu fil-bini tad-Dar tal-Kunsill.

2.8 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand is-Sinjura Roberta Genovese fejn ipproponiet li l-Kunsill ibiddel telephone boxes antiki f'librerij zghar li minnhom wiehed ikun jista' jissellef il-kotba. Il-Kunsill qabel fil-principju u qabel li ghandu jaghmel laqgha mas-Sinjura Genovese sabiex jigu diskussi iktar dettalji qabel ma tittiehed decizjoni finali.

2.9 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand NNG Promotions fejn talbu l-permess tal-Kunsill ghal zewg kuncerti li ser itellghu fuq il-Fosos is-sena d-diehla. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni li johrog permess fid-dati proposti izda qabel li ghandu jinformahom li l-Kunsill mhux ser jinzamm responsabbli jekk dawn jimpedu xi attivitajiet ohra.

2.10 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand Mark Mizzi ghan-nom ta' Justin Haber Academy fejn talab lill-Kunsill jiehu hsieb l-ispejjez marbuta mal-ilma, dawl u drenagg fir-rigward tad-dressing rooms li ser isiru fic-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V. Il-Kunsill qabel li ghandu jitlob iktar dettalji minhabba li din it-talba m'hijiex cara u ghal kemm tammonta l-ispiza.

**Nota: 16:40 Il-Vici Sindku Matthew Paris talab li jkun skuzat.**

2.11 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li hemm probabbilta' li l-Kunsill ikollu stedina mill-Belt ta' Macerata, il-belt Taljana gemellata mal-lokalita' tal-Floriana.

**Nota: 16:43 Il-Vici Sindku Matthew Paris rega' attenda ghal-laqgha.**

2.12 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill bit-talba ghal tibdil fir-rati ta' ghoti ta' tarmac mir-Road Servicing u stieden lill-Vici sindku Matthew Paris sabiex jispjega f'iktar dettall.

2.12.1 Il-Vici Sindku spjega li fir-rigward tas-sitwazzjoni fi Triq l-Iljun kien hemm zewg problemi kbar; il-livell tal-housing li issa kien deciz li l-livelli joghlew gholi ta' kurduna wahda, u n-nuqqas ta' materjal ta' kurduna sewda.

2.12.2 Il-Vici Sindku qal ukoll li kien gie avvicinat mill-kuntrattur tar-Road Servicing li kien talab amenda fir-rati ghall-ghoti ta' tarmac minhabba li l-prezz tal-materjal kien ghola hafna. Hu zied jghid li jekk il-Kunsill japprova dawn ir-rati l-godda, ix-xoghol ta' ghoti ta' tarmac ikun jista' jinbdeda' min-nhar it-Tnejn li gej.

2.12.3 Il-Vici Sindku Matthew Paris talab li jigi rregistrat fil-minuti li jekk il-Kunsill ma jiehux decizjoni finali llum, hu ma kienx ser jinzamm responsabbli tad-dewmien li tali decizjoni

ser iggib maghha.

**Nota: 17:10 Is-Sindku Nigel Holland talab li jkun skuzat.**
**Il-Vici sindku Matthew Paris gie mitlub jippresiedi l-laqgha.**

2.12.4 Wara li gie evalwat il-kuntratt li l-Kunsill kellu mal-kuntrattur, irrizulta li kien hemm stipulat fil-kuntratt li ma jistghux jinbidlu r-rati finali tal-offerta' ghad-durata tal-kuntratt.

**Nota: 17:15 Is-Sindku Nigel Holland rega' attenda ghal-laqgha.**
**Is-Sindku Nigel Holland kompla jippresiedi l-laqgha.**

2.12.5 Is-Sindku Nigel Holland ippropona li l-Kunsill jikkuntattja lill-Perit Chris Mintoff u lill-kuntrattur tar-Road Servicing u jistaqsihom jekk jistghux jattendu ghal-laqgha. Il-Kunsill qabel.

**Nota: 17:25 Il-Vici Sindku Matthew Paris talab li jkun skuzat.**
**17:30 Il-Vici Sindku Matthew Paris rega' attenda ghal-laqgha.**
**17:35 Il-Kunsill qabel li l-laqgha ghandha tigi sospiza u qabel li ghandu jistieden lill-Perit Chris Mintoff mal-mejda sabiex tigi diskussa t-talba tar-Road Servicing.**
**17:55 Is-Seba' (07) laqgha tal-Kunsill Lokali Floriana tkompliet.**

2.12.6 Is-Sindku Nigel Holland spjega li wara li l-Kunsill iddiskuta mal-Perit kien irrizulta li ghalkemm kien ghola xi materjal, dan ma kienx jiggustifika t-talbiet kollha minhabba li kien hemm xi materjal li ma kienx ghola skont ir-rati proposti mill-kuntrattur. Ghalhekk hafna mill-varjazzjonijiet ma kienux gustifikati u ma kienux konformi mar-rati mitluba.

2.12.7 Il-Kunsill qabel li ghandu jitlob laqgha mal-kunrattur tar-Road Servicing l-ghada filghodu stess sabiex jigu diskussi dawn it-talbiet fid-dettall.

2.12.8 Wara li l-Kunsill qies id-diversi alternattivi offruti mill-Perit Mintoff rigward it-triq tal-Kurja, il-Kunsill qabel li ghandu jimxi mal-parir tal-Perit u jaghmel bankina ta' 40 cm fuq naha minnhom dan sabiex jigi permess l-ipparkjar ta' vetturi xorta wahda u xorta jkun hemm bankina.

2.13 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li wara l-laqgha li kellu mal-Greenpak, kien gie nformat li l-lokalita' tal-Floriana mhux qed tirricikla bizzejjed u ghalhekk il-Kunsill kien qed ikollu jhallas hafna flus zejda ghall-gbir ta' skart.

2.13.1 Il-Kunsill qabel li ghandu jipproponi lill-entitajiet kummercjali biex jibdew jahsbu ghal rashom ghall-gbir ta' skart taghhom dan sabiex il-Kunsill ikun jista' jiffranka ftit mill-ispiza tieghu.

2.13.2 Is-Sindku Nigel Holland informa wkoll li l-Greenpak kienu pproponew li l-Kunsill iwaqqaf is-servizz ta' gbir ta' skart normali dakinhar li jingabar l-iskart riciklabbli biex b'hekk ir-resident ikun imhajjar jirricikla iktar.

2.13.3 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili talbet li jigi rregistrat fil-minuti li kienu diga bdew jitqassmu xi boroz mill-Greenpak u li kien sar anke talk zghir waqt wiehed mill-high teas li organizzat.

2.14 Is-Sindku Nigel Holland ippropona li l-access ghar-roti fic-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V jigi ristrett ghal tfal taht l-ghaxar snin biss. Il-Vici Sindku Matthew Paris ippropona li ssir track bhala alternattiva. Il-Kunsill qabel fil-principju li ssir track izda qabel li t-tabelli mal-entraturi tal-gonna ghandhom jinbidlu issa ghax xi whud minnhom kienu ccaraw wisq.

**<u>Nota: 18:10 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili talbet li tkun skuzata.</u>**

2.15 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghat-talba li jsir monument ta' kelb fi Gnien il-Mall u nforma li l-Ministeru ghar-Rizorsi u l-Infrastruttura kienu talbu lill-Kunsill sabiex iressaq applikazzjoni quddiem il-MEPA. Il-Kunsill qabel li ghandu jistaqsi lis-Sur Hili jekk ikunx interessat li l-monument isir tal-fibre minflok tal-bronz.

**<u>Nota: 18:12 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili regghet attendiet ghal-laqgha.</u>**

2.16 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghall-kariga ta' Utilitajiet, Servizzi u Sanita' u ppropona li l-kariga tas-Sanita' ma tibqax taghmel parti mill-Utilitajiet u tibda taghmel parti mas-Sahha. Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li s-sanita' minn dejjem kienet taqa' taht sahha u mhux taht utilitajiet. Il-Kunsill qabel mal-proposta li din tibda' taghmel parti mill-kariga tas-sahha.

2.17 Il-Kunsill qabel ukoll li l-infrastruttura tibda taghmel parti ma' progetti godda u tibda' taqa' taht ir-responsabbilta' tal-Vici Sindku Matthew Paris. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

2.18 Il-Kunsillier Vincent Borg talab li r-rapporti dwar il-culverts jibdew jghaddu lill-kunsillier responsabbli mill-indafa. Il-Kunsill qabel.

2.19 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li fl-ahhar laqgha tar-Regjun Xlokk kien gie propost li tittella' tazza regjonali tal-futbol u jsir l-ewwel tournament tax-Xlokk. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni ghal din il-proposta.

## <u>3.0 Mistoqsijiet lis-Sindku</u>

3.1 Il-Vici Sindku Matthew Paris saqsa jekk kinietx inharget l-Expression of Interest ta' Gnien Sir Luigi Preziosi kif kien gie miftiehem fil-laqgha precedenti. Is-Sindku wiegeb li din kienet ghadha ma hargitx u kellha tinhareg fil-jiem li gejjin.

3.2 Il-Vici Sindku Matthew Paris saqsa dwar is-sigar li hemm fid-dahla ta' l-iSptar Sir Paul Boffa u nsista li dawn kellhom bzonn jinzabru. Is-Sindku saqsa lill-Kunsillier Vincent Borg li min-naha tieghu wiegeb li kien tkellem mal-Enviromental Landscape Consortium li kellhom jibdew jizbru s-sigar tal-lokalita'.

3.3 Il-Vici Sindku Matthew Paris saqsa lis-Sindku dwar x'kien gara fil-konferenza stampa li kien attenda dwar il-progett tal-MCP car park. Is-Sindku wiegeb li wara li attenda l-imsemmija konferenza, jidher li l-hsieb kien li jizdied sular iehor bi spazji ta' parkegg u tinghalaq il-hofra ezistenti. Huwa zied jghid li fuq dan is-sular gdid, kien ser jinbena gnien ladarba s-sular jigi msaqqaf.

3.4 Il-Kunsillier Vincent Borg saqsa jekk il-Kunsill kienx iltaqa' mas-Sur Brian Zammit u mat-TCTC sabiex il-laqghat tal-Kunsill jibdew jigu streamjati live. Is-Sindku wiegeb li l-Kunsill ghandu jikteb liz-zewg partijiet sabiex issir laqgha maghhom.

3.5 Il-Kunsillier Vincent Borg saqsa jekk kinietx intbaghtet l-ittra lir-residenti ta' Blk 2, Triq il-Fosos minhabba l-ammont ta' hmieg li kien qed jithalla barra minn din il-blokka. Is-Sindku wiegeb li ser jikteb ittra hu lir-residenti specifici li qed johorgu l-iskart taghhom barra.

3.6 Il-Kunsillier Vincent Borg saqsa dwar x'kien sar rigward il-bankijiet li naqsu minn fuq il-Fosos wara l-festi tal-Indipendenza tas-sena l-ohra. Is-Sindku wiegeb li l-Kunsill kien kiteb lil min hu responsabbli izda ma kien sar xejn. Il-Kunsillier Matthew Paris offra li jerga' jikteb hu lil dawk responsabbli.

3.7 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza dwar l-istat li tinsab fih it-Telgha tal-Kurcifiss wara l-maltemp li kien sar u saqsa jekk kienx sar xi haga biex din titranga. Is-Sindku wiegeb li l-Kunsill kellu jikteb lil Transport Malta sabiex jiehdu hsieb jirrangaw din it-triq kif ukoll Pjazza ES Tonna c/w Triq Nazzjonali li wkoll kienet qed tisfronda.

3.8 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghad-decizjoni tal-Kunsill li jitwahhlu l-bollards fi Triq il-Konservatorju u saqsa jekk dawn ghandhomx jitwahhlu ghalissa jew ladarba tigi rrangata t-triq. Is-Sindku ssuggerixxa li dawn ghandhom isiru max-xoghol tat-triq sabiex jigu nkastati sew fil-porfido. Il-Kunsillier Vincent Borg wiegeb li ma kienx jaf ix-xoghol meta ser jibda' u jitlesta u ghalhekk il-Kunsill qabel li ghalissa dawn il-bollards ghandhom jithallew kif inhuma.

3.9 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghal gandott li kien hemm quddiem Binja Vilhena li kien gie mimli bil-concrete u saqsa jekk dan kienx minn dejjem hekk. Is-Sindku wiegeb li ladarba kien hemm problema ta' drainage, il-Kunsill kellu jsib soluzzjoni u ghalhekk il-Kunsill qabel li ghandu johrog katusa li taghti direttament ghad-drainage tal-Gvern sabiex tigi rizolta l-problema.

3.10 Il-Kunsillier Vincent Borg saqsa dwar jekk kienx hemm progress fit-talba tal-Kunsill ghal haddiem zejjed tal-IPSL. Is-Sindku wiegeb li l-applikazzjoni mal-ETC jidher li kienet ghadha pendenti u qal ukoll li ghandu jkellem lil xi hadd mill-IPSL sabiex jara f'hiex kienet waslet l-applikazzjoni.

3.11 Il-Kunsillier Vincent Borg saqsa dwar x'kien gara dwar l-ilment li l-Kunsill kellu rigward l-aircondition units tal-Unjoni Haddiema Maghqudin. Is-Sindku talab lill-Vici Sindku Matthew Paris iwiegeb li min-naha tieghu qal li wara li kien mar fuq il-post jidher li l-problema tista' tigi rizolta billi dawn il-units jittellghu fuq il-bejt tal-istess unjoni. Is-Sindku wiegeb li hu wkoll kellu jmur fuq il-post.

3.12 Il-Kunsillier Vincent Borg saqsa jekk kienx gie rrangat il-hadid tal-picc tac-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V. Is-Sindku wiegeb li dawn kienu gew irrangati dakinhar stess wara nofsinhar.

3.13 Il-Kunsillier Vincent Borg saqsa lis-Sindku ghalfejn hadd mill-kunsilliera ma kien gie nformat li kellhom jitwahhlu seats tal-bandli godda. Is-Sindku wiegeb li ix-xiri kien diga approvat, u li certu xogholijiet urgenti ma jkunux jistghu jistennew li jigu approvati fil-laqgha li jkun imiss, specjalment dawk ix-xogholijiet li jkunu ta' periklu ghat-tfal. Is-Sindku qal ukoll li jekk il-kunsillier ser jinsisti li ghandu jigi approvat kull xoghol prekarju qabel ma jsir, hu kien ser jiehu azzjoni li x-xogholijiet kollha jigu approvati fil-laqgha jew permezz ta' memo interna. Is-Sindku talab ukoll li fil-lista ta' pagamenti jibda' jigi mnizzel b'liema metodu gew approvati l-pagamenti.

3.14 Il-Kunsillier Vincent Borg saqsa dwar x'kien ser jaghmel il-Kunsill rigward is-sitwazzjoni tal-parker li jpoggi fi Triq V. Dimech. Is-Sindku wiegeb li meta l-Kunsill ikkuntattja lil Transport Malta, kien gie nformat li l-ebda parker ma kien permess jitlob flus izda biss donazzjonijiet. Huwa zied jghid li jekk il-Kunsill jinsab cert li dan kien qed jitlob il-flus b'mod obbligatorju, specjalment lir-residenti tal-Floriana, kellu jiehu hsieb jaghmel rapport lill-awtorita' kkoncernata.

3.15 Il-Kunsillier Vincent Borg saqsa wkoll rigward ix-xnieha li kienu ser jitwahhlu parking meters fil-parking areas tal-lokalita'. Is-Sindku wiegeb li ghalissa ma kien ghad hemm xejn ufficjali u ghalhekk wiehed kellu jistenna u jara x'ser jigri qabel ma jipprocedi.

3.16 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili informat lill-Kunsill li kien ser jinbidel is-sid tar-ristorant li hemm taht il-Forka u kien hemm il-hsieb li din il-bajja ssir privata. Ghalhekk saqsiet lis-Sindku x'kien ser jaghmel il-Kunsill dwar dan ladarba din il-bajja kienet l-unika bajja li kellhom ir-residenti Furjanizi. Is-Sindku wiegeb li l-Kunsill ghandu jikseb iktar informazzjoni qabel ma jikteb u joggezzjona ghal din il-proposta.

3.17 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili saqsiet jekk il-Hockey Club setghux jaghmlu uzu mis-sala ta' fuq nhar il-Gimgha 14 ta' Settembru minhabba l-maltemp li kien previst. Is-Sindku wiegeb li hu ma kellu ebda oggezzjoni izda kien hemm bzonn l-approvazzjoni tal-Kunsill kollu wkoll. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni li tintuza s-sala ta' fuq mill-Hockey Club bil-kundizzjoni li jhallsu l-caretaker ghad-dewmien kollu li tintuza.

3.18 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili saqsiet ghalfejn mhux tigi ccirkolata l-agenda tal-Laqgha tar-Regjun lill-kunsilliera kollha. Is-Sindku wiegeb li suppost qed tigi ccirkolata u jhoss li huwa importanti li l-kunsilliera jattendu meta jistghu.

3.19 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili saqsiet dwar jekk hux qed jinghalqu s-subways. Is-Sindku wiegeb li ma kellu l-ebda rapport li dawn mhux qed jinghalqu. Is-Sindku qal ukoll li jekk xi hadd kellu suspett jew rapport li dawn mhux jinghalqu skont il-kuntratt, kellu jressaq dan ir-rapport quddiem il-Kunsill sabiex il-kuntrattur jigi mmultat.

3.20 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ghamlet riferenza ghal laqgha ricenti li saret mal-kuntrattur Daniel Attard u saqsiet ghalfejn il-kunsilliera kienu qed jigu nformati b'certu laqghat dakinhar stess. Is-Sindku wiegeb li l-kuntrattur imsemmi kien talab laqgha mieghu biss u mhux mal-Kunsill izda hu hass li kellu jinforma lill-kunsilliera kollha bl-istess laqgha. Hu zied jghid ukoll li meta tkun laqgha urgenti ma jippretendiex li jkollu jigi kulhadd izda jinformahom xorta wahda biex min ikun interessat ikun jista' jattendi. Is-Sindku sostna wkoll li f'kazijiet simili qatt ma jittiehdu decizjonijiet qabel ma jkunu nformati l-kunsilliera kollha. Is-Sindku zied jghid li ladarba xorta wahda kienu ser jinqalghu il-problemi, kien ser jadotta procedura li ghal laqghat li jkun mistieden ghalihom hu biss, jibda jattendi hu minghajr ma jinforma lil hadd iktar. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li min-naha tal-amministrazzjoni, il-kunsillieri jigu dejjem informati bil-laqghat appena jkun jaf bihom. Il-Kunsill qabel li ghal laqghat urgenti li jkunu mil-lum ghal-lum, ghandhom jibdew jigu nformati b'telefon minflok b'email minhabba li mhux kulhadd ghandu access ghall-email il-hin kollu.

**<u>Nota: 19:00 Il-Kunsill qabel li ghandu jestendi l-laqgha b'siegha.</u>**

## <u>4.0 Approvazzjoni ta' Hlas ta' Kontijiet Pendenti u Materji Finanzjarji</u>

4.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta l-iskedi ta' pagamenti bir-referenza **68-05,** li gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha.

4.2 Il-Kunsill qabel li ghandu jigi emendat cekk nru 10839 pagabbli lil Emanuel Galea li ghandu jaqra s-somma ta €160 minflok €1160.

4.3 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ghamlet riferenza ghac-cekk nru 10838 fejn sostniet li ma taqbilx li dan il-pagament ghandu jsir mill-Kunsill ladarba t-tindif sar f'isem Justin Haber, u anke ladarba t-tindif li sar ma kienx fil-konfini tal-Floriana. Is-Sindku qal li jhoss li l-Kunsill ghandu jerfa' r-responsabbilta' tieghu ladarba l-materjal kien hareg minn proprjeta' tal-Kunsill. Is-Segretarju Ezekuttiv zied jghid li l-pagament ma setax jitnehha mill-iskeda ta' pagamenti ladarba x-xoghol kien ordnat mill-Kunsill. Ghalhekk il-Kunsill qabel li l-pagament ghandu johrog mill-Kunsill.

4.4 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ghamlet riferenza ghac-cekk nru 10832 fejn saqsiet jekk

kienx sar il-hasil tal-globi. Il-Kunsill qabel li ghandu jzomm dan ic-cekk sakemm jivverifika jekk il-hasil tal-globi kienx sar.

4.5 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Vincent Borg u ssekondat mill-Kunsilliera Davina Sammut Hili , ittiehed vot favur l-approvazzjoni tal-hlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati bhala cekk nru 10782 sa 10861 u nru 66 sa 74, bir-rizultat:

Favur: 4 (VB, DSH, NH, MP)
Kontra : 0
Astensjonijiet: 0

4.6 Il-Vici Sindku Matthew Paris informa li kien ser jastjeni minn xi pagament ta' Jobbers Ironmongery minhabba kunflitt t'interess.

4.7 Ghaldaqstant, l-iskeda ta' pagamenti sabiex jigu approvati l-hlasijiet għaddiet u giet iffirmata mis-Sindku Nigel Holland, minn zewg kunsilliera u mis-Segretarju Ezekuttiv.

## 5.0 Hrug ta Offerti:

### 5.1 Professional Services of an Architect to the Council and Works Manager

5.1.1 Is-Segretarju Ezekuttiv informa li kien baghat id-dokument propost lill-kunsilliera sabiex jarawh u japprovawh.

5.1.2 Il-Kunsill approva d-dokument b'mod unanimu u qabel li din is-sejha ghall-offerti ghandha tohrog malajr kemm jista' jkun.

### 5.2 Cleaning and Upkeep of Gardens and Public Convenience

5.2.1 Is-Segretarju Ezekuttiv informa li kien baghat id-dokument propost lill-kunsilliera sabiex jarawh u japprovawh.

5.2.2 Is-Segretarju Ezekuttiv ippropona li t-tender ghal Cleaning and upkeep of gardens and Public Convenience kif ukoll dak tal-cleaning and upkeep of fountains jinghaqdu sabiex il-Kunsill jiffranka ftit mill-ispiza. Huwa zied jghid li t-tender prezenti tat-tindif tal-funtani kien qed jammonta ghal €350 fix-xahar li setghu jigu ffrankati jekk iz-zewg offerti jinhargu flimkien.

5.2.3 Il-Kunsill ma qabilx li ghandu jghaqqad dawn iz-zewg offerti f'wiehed minhabba li jhoss li hemm cans kbir li x-xoghol ma jkunx kif mixtieq u l-offerent mhux necessarjament li jkun jaf jiehu hsieb iz-zewg offerti.

5.2.4 Is-Sindku nforma li kien gie avvicinat minn kuntrattur li kien offra li jiehu hsieb il-Latrini Pubblici hu, inkluz manutenzjoni u tindif, izda kull min jaghmel uzu mil-latrina jintalab hlas minimu ta' €0.30.

5.2.5 Il-Kunsill qabel li ghandu jitloq laqgha lil dan il-kuntrattur u din il-materja titpogga fuq l-agenda tal-laqgha li jmiss sabiex tigi diskussa skont ir-rizultat tal-laqgha mal-kuntrattur.

## 5.3 Cleaning and Upkeep of fountains

5.3.1 Is-Segretarju Ezekuttiv informa li kien baghat id-dokument propost lill-kunsilliera sabiex jarawh u japprovawh.

5.3.2 Il-Kunsill approva d-dokument b'mod unanimu u qabel li din is-sejha ghall-offerti ghandha tohrog malajr kemm jista' jkun.

## 6.0 Insurance tal-Kunsill Lokali

6.1 Is-Sindku Nigel Holland talab lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex jiftah il-materja.

**Nota: 19:30 Is-Sindku Nigel Holland talab li jkun skuzat.**
**Il-Vici Sindku Matthew Paris gie mitlub jippresiedi l-laqgha.**

6.2 Is-Segretarju Ezekuttiv spjega li l-Kunsill wasal biex johrog sejha ghall-offerti ta' assigurazzjoni u l-Kunsill irid jiddeciedi jekk jinkludiex l-ghamara tat-triq u l-ghamara kollha li kellu fuq barra f'din il-polza. Huwa zied jghid li jekk il-Kunsill jiddeciedi li dan isir, ser ikun hemm bzonn li jsir inventarju ta' dak kollu li hemm fit-toroq.

**Nota: 19:35 Is-Sindku Nigel Holland rega' attenda ghal-laqgha.**
**Is-Sindku Nigel Holland kompla jippresiedi l-laqgha.**

6.3 Il-Kunsill qabel li s-sejha ghall-offerti ghandha tinkludi kollox minbarra bollards u bins.

6.4 Il-Kunsill qabel ukoll li fis-sejha ghall-offerti ghandhom jintalbu zewg alternattivi: full replacement value kif ukoll depreciated value.

6.5 Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill li kien hemm xi affarijiet li kien hemm bzonn li jintremew u jitnehhew mill-inventarju, skond il-lista iccirkolata minn qabel, kopja annessa. Il-Kunsill approva.

## 7.0 L-Irrigazzjoni fil-Qasam tad-Djar tal-Kapuccini

7.1 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghall-gibjun li hemm fil-qasam tad-djar tal-Kapuccini u nforma li dejjem kien hemm suspett jekk dan il-gibjun jitlifx l-ilma.

7.2 Is-Sindku zied jghid li ma kienx logiku li l-Kunsill jonfoq il-flus biex jiftah il-gibjun qabel ma nkunu certi jekk il-gibjun jitlifx ilma jew le.

7.3 Ghalhekk is-Sindku ppropona li l-Kunsill iqabbad lil xi hadd sabiex jiftah il-bokka. Huwa qal li diga kien gabar kwotazzjoni li tammonta hgal €300 sabiex isir l-imsemmi xoghol.

**Nota: 19:40 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili talbet li tkun skuzata.**

7.4 Il-Kunsillier Vincent Borg ippropona li jsir tank. Il-Kunsill qabel li din ghandha tigi

diskussa fil-laqgha li jmiss.

7.5 Il-Kunsill qabel li ghandu jitlob kwotazzjoni sabiex tinfetah il-bokka.

**Minhabba li l-hin tal-laqgha kien diga gie estiz b'siegha, il-Kunsill qabel unanimament li jghaddi ghall-Aggornament tal-laqgha**

## 18. Aggornament tal-Laqgha

Il-Kunsill qabel li l-laqgha li jmiss ghandha ssir nhar it-Tnejn 17 ta'Settembru, fl-4.00pm

Il-laqgha ntemmet fit-20.00.

| | |
|---|---|
| Nigel Holland | Svetlick J. Flores |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |